

32005R1309

L 208/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.8.2005

## **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1309/2005**

### **ta' l-10 ta' Awwissu 2005**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3199/93 dwar l-għarfien reċiproku tal-proċeduri għall-iżnaturar sħiħ ta' l-alkoħol għall-iskopijiet ta'eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa**

### **IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(4) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93<sup>2</sup> jipprevedi li l-iżnaturanti li huma użati fkull Stat Membru bl-ġħanijiet li l-alkoħol jiġi żnaturat kompletament skond l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE jridu jiġu deskritti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skond l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri huma meħtieġa li jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-alkoħol li jkun ġie żnaturat kompletament skond ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe Stat Membru, sakemm rekwiżiti bħal dawn ikunu ġew debitament innotifikati u aċċettati skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu.
- (3) Il-Latvja kkomunikat xi tibdiliet fil-proċess ta' żnaturazzjoni numru 2 awtorizzat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93.
- (4) Il-Kummissjoni bagħtet il-komunikazzjoni msemmija lill-Istati Membri l-oħra fil-25 ta' Marzu 2005.
- (5) Ma waslu l-ebda oġġezzjonijiet għar-rekwiżiti nnotifikati.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 3199/93 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

<sup>1</sup> ĠU L 316, 31.10.1992, p.21. Id-Direttiva kif emadata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

<sup>2</sup> ĠU L 288, 23.11.1993, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1309/2005 (ĠU L 208, 11.08.2005, p. 12).

- (7) Il-miżuri previsti fdan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Taxxi tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu li jikkonċerna l-Latvja fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 3199/93 huwa hawnhekk mibdul minn dan li ġej:

**'Il-Latvja**

Ammont minimu għal 100 litru ta' spiritu

1. taħlita tas-sustanzi li ġejjin:
  - isopropili 9 litri,
  - aċetun 1 litru,
  - metilin blu jew *thymol* blu jew vjoletta tal-metil 0,4 grammi;
2. taħlita tas-sustanzi li ġejjin:
  - metiletilketon 2 litri,
  - metilisobutileketon 3 litri;
3. taħlita tas-sustanzi li ġejjin:
  - aċetun jew isopropili 3 litres,
  - denatonium benżoat 2 grammi;
4. aċītat ta' l-etili 10 litri.

Ammont minimu għal kull 100 litru ta' alkoħol ta' l-etili idratat (li fih massimu ta' 0.5% ta' ilma):

1. minimu ta' 5 litri u massimu ta' 7 litri ta' benzīn jew żejt mhux raffinat (*petroleum*).'

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kummissjoni  
László KOVÁCS  
Membru tal-Kummissjoni*